MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## NADIA H. VELLA

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2014

Talba Numru. 505/2014

**GO p.l.c. (C22334)**

**vs.**

**Renald Vella K.I. 479576 (M)**

It-Tribunal

Ra l-Avviż tat-talba fl-ismijiet premessi ippreżentat fid-29 ta’ Lulju 2014, illi permezz tiegħu is-soċjeta` attriċi talbet il-ħlas mingħand il-konvenut tas-somma ta’ elfejn, tliet mija u disgħin Ewro u sebgħa u għoxrin ċenteżmu (€2390.27) liema ammont huwa inkonnessjoni mas-servizzi ta’ komunikazzjoni bl-akkont numru *A/C 40148459*, mogħtija mis-soċjeta` attriċi lill-konvenut.

Ra li mill-atti jirriżulta li l-konvenut debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, ma ppreżentax risposta in kontestazzjoni għall-istess talba iżda deher għas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal fis-6 t’Ottubru 2014.

Illi fl-istess seduta sema’ lill-konvenut jixhed bil-ġurament fejn huwa ammetta t-talba attriċi kif dedotta u kkonferma li għandu jħallas lis-soċjeta′ attriċi s-somma ta’ elfejn, tliet mija u disgħin Ewro u sebgħa u għoxrin ċenteżmu (€2390.27).

It-Tribunal spjega lill-konvenut l-effett ta’ tali ammissjoni u ddiferixxa t-talba għas-sentenza għas-seduta odjerna.

Għaldaqstant it-Tribunal qiegħed jaqta’ u jiddeċiedi dan il-każ, billi fuq ammissjoni tal-istess konvenut, jilqa` t-talba attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallas lis-socjeta` attriċi is-somma ta’ elfejn, tliet mija u disgħin Ewro u sebgħa u għoxrin ċenteżmu (€2390.27), bl-imgħax legali dekorribbli mit-12 ta’ Mejju 2014, li hija d-data tal-preżentata tal-ittra uffiċjali fl-ismijiet premessi nnumerata 869/14, sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż, inklużi tal-ittra uffiċjali ċċitata, huma a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------